MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2008

Numru 1/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**David *sive* David-Norbert Schembri**

Illum, 25 ta' Settembru 2008

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn David sive David-Norbert Schembri mid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fl-20 ta' Gunju 2007 li, wara li rat il-verdett tal-gurati moghti f'dik l-istess gurnata u li bih l-imsemmija gurati sabu (bi tmien

(8) voti favur u vot wiehed (1) kontra) illi hu ma kienx fi stat ta’ genn meta sehhew il-fatti (msemmija fl-ewwel u fit-tieni kapi tal-att ta’ akkuza) fit-3 ta’ Mejju 2004, iddikjarat li ghalhekk l-istess David Schembri ma kienx fi stat ta’ genn meta sehhew l-imsemmija fatti, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza kontra l-istess akkuzat.

**2.** Permezz ta’ att ta akkuza prezentat fis-17 ta’ Frar 2006, l-Avukat Generali qal (fl-ewwel kap) illi l-imsemmi Schembri fit-3 ta’ Mejju 2004 kien mar ghall-habta tas-6.30 ta’ filghaxija fejn kienet toqghod il-*partner* tieghu Josette Scicluna f’San Gwann; illi r-relazzjoni taghhom kienet fi krizi ghal xi zmien; illi Schembri mar armat b’pistola u f’mument minnhom spara fuq is-serratura tal-bieb u dahal fejn kienu joqoghodu Josette Scicluna u bintu; illi kif rat hekk Scicluna ppruvat tiddefendi ruhha izda Schembri hataf sikkina u beda jaghtiha u, dolozament, bil-hsieb li joqtolha jew li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car, taha diversi daqqiet, inkluzi f’postijiet vitali ta’ gisimha, u kkaguna l-mewt taghha; illi ghalhekk huwa sar hati ta’ omicidju volontarju. L-Avukat Generali akkuza lil Schembri wkoll (fit-tieni kap) bir-reat ta’ min, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ikollu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

**3.** Fil-15 ta’ Marzu 2006, l-akkuzat David Schembri pprezenta nota ta’ eccezzjonijiet. Fost dawn l-eccezzjonijiet kien hemm dik li tghid espressament hekk: *“Illi l-akkuzat jeccepixxi li huwa ghandu jitqies ezenti minn responsabbilta` kriminali stante illi fil-waqt ta’ l-att kien fi stat ta’ genn fit-termini tal-ligi u ghalhekk ukoll dana jammonta ghall-fatt illi minhabba fih il-kawza m’ghandhiex titmexxa ‘l quddiem.”*

**4.** Permezz ta’ nota pprezentata fis-17 ta’ Marzu 2006, l-Avukat Generali kkontesta din l-allegazzjoni, u dan kif provvdut fl-Artikolu 621 tal-Kodici Kriminali. Fl-udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2006 il-Qorti Kriminali nnominat tliet

psikjatri[1] *"biex wara li jezaminaw lill-akkuzat kif ukoll l-atti kollha tal-kumpilazzjoni jirrelataw jekk fil-fehma taghhom l-akkuzat kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument tal-kommissjoni tal-allegat delitt."* Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2007 quddiem il-Qorti Kriminali, it-tliet periti psikjatri halfu r-relazzjoni taghhom. Peress li minkejja dak li jghidu fil-konkluzzjoni taghhom – u cioe` li l-akkuzat ma kienx qed ibati minn stat ta' genn fit-termini tal-ligi fiz-zmien tal-allegat reat – l-istess akkuzat baqa' jsostni l-eccezzjoni tad-demenza, fid-19 ta' Gunju 2007 giet iffurmata gurija biex tiddeciedi din il-kwistjoni, u dan skond ma jipprovdu l-Artikoli 620 *et seq.* tal-Kodici Kriminali. Fil-kors ta' dan il-guri xehdu (fid-19 ta' Gunju 2007) l-Ispettur (illum Supretendent) Chris Pullicino, WPC 174 Joan Bonello, il-psikjatra Dott. Ethel Felice, il-periti psikjatri Dott. David Cassar, Dott. George Debono u Dott. Joseph Vella Baldacchino – dawn kollha prodotti mill-prosekuzzjoni – kif ukoll Dott. Pierre Vassallo u Dott. Michael Sammut prodotti mid-difiza. L-ghada, 20 ta' Gunju 2007, xehed il-psikjatra Dott. Joseph Spiteri prodott mid-difiza. Kif inghad, b'verdett moghti f'din l-ahhar imsemmija data, il-gurati, bi tmien voti favur u vot wiehed kontra sabu li l-imsemmi Schembri ma kienx fi stat ta' genn meta sehhew il-fatti msemmija fl-ewwel u fit-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza.

**5.** L-appell ta' l-akkuzat minn dan il-verdett u mill-konsegwenti sentenza tal-Qorti Kriminali, gie pprezentat fil-25 ta' Gunju 2007. L-appellant ghandu, bazikament, tliet aggravji. Pero` qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina dawn it-tliet aggravji, tajjeb li wiehed jesponi fil-qosor il-ligi in tema ta' demenza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali.

**6.** Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' genn" fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma' dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala "genn". Kif

[1] Dawn originarjament kienu Dott. Joseph Pisani, Dott. George Debono u Dott. David Cassar. In segwitu, b'digriet ta' l-1 ta' Novembru 2006 Dott. Joseph Pisani gie sostitwit b'Dott. Joseph Vella Baldacchino.

jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom *Criminal Law* [2]:

**"It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder."** [3]

Fi kliem iehor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' genn" ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta (imqar fuq bazi ta' probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccepita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun fuqu biex jipprova l-fatt[4]) li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument tal-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv[5] (i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – *disease of the mind* bl-Ingliz – mhux necesarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – *in the brain*. Kif jispjega Lord Diplock fil-kaz ta' *Sullivan* [1984] AC 156, u b'referenza ghall-M'Naghten Rules – regoli, li wiehed m'ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita` *di intendere*, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` *di volere* –

**"The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time…But the**

[2] Jones, T.H. & Christie, M.G.A. **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992.
[3] *op.cit.* p.140, para. 8.13.
[4] Jekk, mill-banda l-ohra, tkun il-prosekuzzjoni li asseriet, permezz ta' rikors ghall-kontestazzjoni tal-fehma tal-periti prezentat fil-Qorti Kriminali skond l-Artikolu 402(5) tal-Kap. 9, li l-imputat ma kienx fi stat ta' genn fil-mument tal-att, allura tkun l-istess prosekuzzjoni li ghandha tipprova dan sal-grad tal-konvinciment morali.
[5] Ghall-kuncett ta' *diminished responsibility* ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Raymond Vella** App. Krim. 2/8/1999.

**meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules…'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these facultes so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules** [6]**, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act."** [7]

U kif spjegat aktar fi *Blackstone's Criminal Practice 2008*:

**"It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease *of the mind* depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding** [8]**. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin…However not every cause of an impairment of these mental faculties is a *disease* of the mind. A disease is something *internal* to the accused and so: *'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease'* (per Lawton LJ in *Quick* QB 910 at p. 922, emphasis added)."** [9]

---

[6] i.e. *"…as not to know the nature and quality of the act he was doing…or…that he did not know he was doing what was wrong."*
[7] p. 172.
[8] U fil-kaz taghna tal-kapacita` li wiehed jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att.
[9] Para. A3.17, p. 45-46.

L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) imsemmi[10].

Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:

**"The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to <u>know</u> the nature of his act or to <u>help doing it</u>."**

**7.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu bazikament fis-sens li l-ewwel qorti kienet skorretta meta, fl-indirizz taghha lill-gurati, qalet illi *"…konsiderazzjonijiet relatati ma' l-effett ta' l-uzu ta' droga u tax-xorb kienu rrelevanti ghall-finijiet tad-decizjoni li kellhom jiehdu l-gurati. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti enfasizzat il-fatt li l-pern tal-kwistjoni kienet <u>biss</u> jekk hemmx jew le marda tal-mohh. Per konsegwenza,"* ikompli l-appellant fir-rikors tieghu, *"l-Ewwel Qorti irritjeniet u effettivament iggwidat lill-gurati fuq il-binarji illi konsiderazzjonijiet tossjologici [<u>recte</u>: tossikologici] kienu mhux pertinenti ghall-vertenza."* Jilmenta wkoll l-appellant mill-fatt li, skond hu, id-dibattitu dwar kif ix-xorb u d-droga tista' taffettwa l-komportament ta' persuna li jkollha *arachnoid cyst* f'parti ta' mohha sar fil-presenza tal-periti psikjatrici izda fl-assenza tal-gurati. Jilmenta fl-ahharnett taht dan l-ewwel aggravju li fl-indirizz taghha lill-gurati l-Qorti semmiet ir-risposta moghtija mill-periti psikjatri meta tali risposta ma kinitx "a konoxxenza" tal-gurati.

**8.** Din il-Qorti ezaminat akkuratament u bl-akbar reqqa kemm id-deposizzjonijiet kollha moghtija fil-kors tal-guri kif ukoll il-verbali taz-zewg udjenzi (tad-19 u tal-20 ta' Gunju

[10] Fir-rigward ta' dipendenza fuq droga u krizijiet ta' astinenza fil-kuntest ta' l-Artikolu 33(b) u l-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali, ara **Il-Pulizija v. Grazio Spiteri** App. Krim. 7/7/1997.

2007). Ezaminat ukoll bir-reqqa l-indirizz ta’ l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri. Jibda biex jinghad li f’dan il-kaz, ir-relazzjoni tal-periti psikjatri kienet fis-sens li l-imsemmi Schembri “ma kienx qed ibati minn stat ta’ genn fit-termini tal-ligi” fiz-zmien tal-allegat reat. Ghall-precizjoni, il-konkluzjoni fir-rapport taghhom tghid hekk:

**“Mill-istorja klinika, ezami psikjatriku, mix-xhieda u min-noti klinici, jidher car illi David Schembri qatt ma kien ibati minn mard psikjatriku serju bhal mard affettiv jew psikozi. Ukoll in partikolari, fiz-zmien tal-allegat reat, ma kienx qed ibati minn stat ta’ genn fit-termini tal-ligi.”**

Minbarra din ir-relazzjoni, hemm relazzjoni ohra, din id-darba tal-psikjatra Dott. Ethel Felice, li kienet giet nominata mill-Magistrat Inkwirenti fil-kors ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere* biex tezamina lill-imsemmi Schembri – allura semplicement indizjat – biex jigi stabbilit jekk huwa kienx f’kundizzjoni li jigi investigat mill-pulizija. Din il-psikjatra ezaminat lil Schembri l-ghada ta’ l-incident, cioe` fl-4 ta’ Mejju 2004, u qabel ma ttiehdet mill-pulizija l-istqarrija bil-miktub[11] ta’ l-istess Schembri, u kkonkludiet li, ghall-anqas fil-mument meta ezaminatu, huwa kien orjentat ghal dak li huwa hin, zmien u persuna, li kien koerenti f’dak li qalilha, li kellu kuntatt mar-realta` fis-sens li ma kienx maqtugh mir-realta`, kif ukoll li huwa kien fi stat mentali li l-investigazzjoni mill-pulizija setghet titkompla.

**9.** Kwantu ghall-ilment li sar xi dibattitu fil-presenza tal-esperti psikjatri izda mhux fil-presenza tal-gurati, u li fl-indirizz taghha l-Qorti *“…indirizzat lill-gurati fuq ir-risposta moghtija mill-periti pskijatrici meta tali risposta ma kinitx a konoxxenza taghhom”*, din il-Qorti tosserva li fil-kors tal-kontro-ezami tal-kullegg peritali kien hemm zewg okkazjonijiet meta l-gurati ntalbu jirtiraw. Li jsir dibattitu fil-presenza tal-esperti psikjatri u fl-assenza tal-gurati ma tammontax fiha nnifisha ghal ebda rregolarita` procedurali. Apparti li l-avukati difensuri setghu, kieku

[11] Ghall-precizjoni din l-istqarrija ttiehdet bis-sistema ta’ l-*audio recording*, u kollox gie wara traskritt.

riedu, jitolbu li tali dibattitu ma jsirx fil-presenza tal-psikjatri – haga li ma tirrizultax li huma talbuha – fil-prassi tal-Qorti Kriminali mhix l-ewwel darba li perit nominat mill-Qorti (anke jekk mill-Qorti Inferjuri) jithalla jisma' d-dibattitu biex ikun jista' jistrada ruhu ahjar meta jigi biex jespleta l-inkarigu tieghu. Hekk, per ezempju, f'diversi gurijiet fejn il-periti psikjatri kienu semghu xhieda minghajr gurament, u dawn l-istess xhieda in segwitu ngabu, minn parti jew ohra, biex jixhdu bil-gurament fil-qorti[12], il-prassi adoperata kienet li l-periti jibqghu fl-awla biex ikunu jistghu jisimghu l-persuna li tkun tixhed bil-gurament (u li precedentement kienet tathom l-informazzjoni minghajr gurament). Inoltre, din il-Qorti ma setghet tintravvedi xejn li ntqal mill-psikjatri mhux fil-presenza tal-gurati li in segwitu gie – mill-Imhallef – imqieghed quddiem l-istess gurati bhala fatt. Anke jekk, pero`, ghall-grazzja ta' l-argument, kien hemm xi haga f'dan is-sens, l-Onorevoli Imhallef li mexxa l-guri kien spjega lill-gurati li huma, u mhux hu, kienu l-imhallfin tal-fatt, kif ukoll li jekk kellhom xi diffikulta` dwar x'intqal verament huma kienu liberi li jitolbu li jisimghu ir-registrazzjoni tax-xiehda li tkun inghatat, ovvjament biex jigi stabbilit ezatt xi jkun qal ix-xhud. Kwantu ghall-ilment li *"…l-Ewwel Qorti enfasizzat il-fatt li l-pern tal-kwistjoni kienet biss jekk hemmx jew le marda tal-mohh…"* din il-Qorti hi tal-fehma li l-indirizz ta' l-ewwel Qorti lill-gurati f'dan ir-rigward kien ineccepibbli. Il-kwistjoni f'dan il-kaz kienet effettivament u unikament jekk l-appellant – allura akkuzat – kienx jew le fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument li ghamel dak li ghamel, u mhux jekk kienx intossikat ossia fis-sakra b'mod li ma setax jifforma intenzjoni, jew jekk kienx agitat, emozzjonat jew irrabjat. U fil-verita` la mid-deposizzjoni tat-tliet psikjatri u anqas mid-deposizzjoni ta' Dott. Michael Sammut, ta' Dott. Pierre Vassallo u ta' Dott. Joseph Spiteri – dawn it-tlieta ta' l-ahhar prodotti mid-difiza – ma jirrizulta xejn li jindika, anqas fuq bazi ta' probabbilita`, li kien hemm xi marda tal-mohh (fis-sens kif fuq spjegat), anke jekk biss ta' natura transitorja, minhabba t-tehid ta' xorb jew droga, fil-mument li sehhew il-fatti meritu ta' l-akkuzi. A propositu

[12] Hafna drabi li jsir hu li dak li jkunu qalu, minghajr gurament, lill-esperti jinqara lilhom u huma jigu mitluba jikkonfermawh; wara, jekk ikun hemm bzonn, isiru mistoqsijiet addizzjonali.

tad-deposizzjoni ta' Dott. Joseph Spiteri – li, tajjeb li jinghad, hu psikjatra izda li ma kienx qed jiddeponi bhala perit nominat mill-qorti izda bhala xhud *ex parte* – dan ighid li jirrelata certu komportament ta' l-appellant mal-fatt li huwa ghandu *arachnoid cyst* zghira f'mohhu[13]. Dan il-komportament, izda, jirrizulta li hu biss forma ta' impulsivita` f'dak li xi kultant jaghmel. Fi kliem l-istess Dott. Spiteri: *"…dan most of the time meta narah l-imgieba tieghu tkun tajba hafna, ikun pjuttost edukat, pero` kultant ikun hemm zmien fejn xi kultant qisu, biex nispjega ruhi ahjar, taqbizlu c-cinga ghalxejn u hemmhekk isir aggressiv u impulsiv u jitlaqlek barra mill-clinic…"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hemm bahar jaqsam bejn li tghid li persuna hija impulsiva (anke jekk din l-impulsivita` tkun dovuta ghal marda fizika, anke jekk lokalizzata fil-mohh) u li tghid li persuna kienet priva mill-kapacita` li taghzel li taghmel jew ma taghmilx xi haga. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint. Minn imkien ma jirrizulta li Schembri kien hekk priv minn din il-kapacita`.

**10.** It-tieni aggravju – li f'certu sens jorbot ukoll ma' parti mill-ewwel aggravju – hu fis-sens li l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta fil-kors ta' l-indirizz lill-gurati *"…ma ghamlet ebda menzjonament ghall-fatt li l-esponenti kellu marda tal-mohh."* L-appellant jirreferi ghad-deposizzjoni ta' Dott. Spiteri, u jghid li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ghamlet distinzjoni bejn "a disease of the mind" u "a disease of the brain".

**11.** Dan l-aggravju hu infondat. In kwantu ghad-distinzjoni bejn "a disease of the mind" u "a disease of the brain", l-ewwel Qorti fissret korrettement lill-gurati li biex ikun hemm "a disease of the mind" dovuta ghal kawza jew kawzi fizici, dik il-kawza trid tkun effettivament ipprivat lill-persuna li tkun mill-kapacita` li taghraf (*capacita` di intendere)* jew mill-kapacita` li taghzel (*capacita` di volere*). Dik il-Qorti, infatti, qalet hekk:

[13] Il-presenza ta' din ic-ceste giet stabbilita kemm permezz ta' CT Scans – li haduhom in konsiderazzjoni l-periti psikjatri – kif ukoll permezz ta' MRI – li dwaru xehed Dott. Pierre Vassallo.

**"Mela hawnhekk qed nitkellmu fuq marda tal-mohh, *a disease of the mind*, a differenza ta' *a disease of the brain*. Hawn qed nitkellmu issa fuq il-funzjoni kif jahdem il-mohh, jigifieri kif jirraguna, kif ikollu xjenza ta' dak li qed jigri madwaru, li jifhem x'qed jaghmel, jigifieri kif qed tahdem il-process mentali, aktar minn mard ta' xi parti ta' xi cellula tal-mohh. Jigifieri inti jista' jkollok, per ezempju, ghall-mument kancer f'mohhok, Alla hares qatt, pero` li allavolja ghandek dan il-kancer f'mohhok mhux qed jaffetwalek xi wahda minn dawn it-tliet funzjonijiet, jigifieri li taf x'qed taghmel u qed tifhem in-natura ta' l-att li qed taghmel, illi taf li dak li qed taghmel huwa hazin, u li allura m'ghandekx il-kontroll fuqek innifsek li taghzel li tghid le, dan haga ma rridx naghmlu. Jista' jkollok kancer daqshekk f'mohhok; jekk mhux qed jaffetwalek xi wahda minn dawn it-tlieta, dawn il-processi mentali, allura mhux qed nitkellmu fuq *a disease of the mind* imma qed nitkellmu fuq *a disease of the brain*…".**

Kif wiehed jista' jara, din l-ispjegazzjoni hija perfettament konsona ma' dak li jinghad fil-paragrafu **6** ta' din is-sentenza.

Jinghad ukoll li l-ewwel Qorti, fl-indirizz taghha, irriferiet ghal dak li qal l-imsemmi Dott. Spiteri dwar l-*impulsive behaviour* ta' Schembri li l-istess Spiteri kien jassocja mal-fatt li kellu c-ceste f'mohhu:

**"Hu [Dott. Spiteri] baqa' jsegwih u josservah u anke li ghandu din l-*impulsive behaviour*, u sar jaf li darba…kien ghamel xi tentattiv ta' suwicidju fil-25 ta' Marzu 2005…ghaliex waqa' gholi ta' sular jew ftit…hu [Schembri] qallu li kien ghamel tentattiv ta' suwicidju, u Dr Spiteri hekk nizzel, imma hawn min jaqa' minn targa u jitkisser u hawn min jaqa' minn hafna oghla u ma jigrilu xejn jew kwazi ma jigrilu xejn. Qal ukoll li b'kollox kien rah xi erbghin darba, jigifieri matul dawn l-ahhar hames snin jew sitt snin, u dan il-komportament jigifieri li kultant jitlghulu u jsir aggressiv kien ilu jinnotah sa mill-2002…kien**

**spjegalu wkoll li meta kien waqa' jew qabez minn dak is-sular jew sular u ftit, illi kien xaba minn hajtu, u ghalhekk kien ghamel dik il-qabza, li b'konsegwenza taghha kiser l-eghkiesi, kiser l-*ankles*."**

Fi kliem iehor, la kien hemm l-ispropozitu legali li l-appellant qed jirravviza, u anqas ma l-ewwel Qorti naqset li tqieghed quddiem il-gurati xi fatt jew linja difensjonali li kienet qed tistrieh fuqu jew fuqha d-difiza. Kif diga` nghad, ghalhekk, dana l-aggravju hu infondat.

**12.** It-tielet u l-ahhar aggravju hu fis-sens li fi kwalunkwe kaz il-gurati waslu ghal konkluzzjoni erronea fuq il-fatti li kellhom quddiemhom. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha li kellhom quddiemhom il-gurati, hi tal-fehma li dana l-aggravju hu infondat, u dan ghaliex, fuq il-bazi ta' dawk il-provi, il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzzjoni li effettivament waslu ghaliha – cioe` li Schembri, fil-mument ta' l-incident, ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi.

**13.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma kemm il-verdett tal-gurati kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali. Tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-imsemmija Qorti Kriminali ghalbiex jitkomplew il-proceduri fil-konfront ta' l-appellant David sive David-Norbert Schembri skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------